**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**7 ta’ Lulju 2022**

**Rikors Numru 33/20**

**Christopher Camilleri**

**Vs**

**Awtorita` għat-Trasport f’Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ippreżentat minn **Christopher Camilleri** fit-3 ta’ Ġunju 2020 li permezz tiegħu ppremetta s-segwenti:

*1. Illi l-appellant huwa sid ta’ vettura tat-tip Range Rover bin-numru ta’ reġistrazzjoni 07D2999 li huwa kien importa mill-Irlanda.*

*2. Illi l-appellant kien għadda lill-Awtorita’ appellata ċ-ċertifikat ta’ reġistrazzjni tar-Renju Unit li jindika li l-vettura kienet iċċertifikata bħala ta’ klassifikazzjoni “N1”, ossia vettura kummerċjali.*

*3. Illi ciononostante, l-Awtorita’ arbitrarjament ma aċċettatx li tirreġistra din il-vettura bħala ta’ klassifikazzjoni “N1” sakemm l-esponent ma jipprovdix iċ-ċertifikat ta’ konformita’ relattiv. Altrimenti l-esponent ġie nfurmat illi l-Awtorita’ kienet ser tqis il-vettura bħala M1 bil-konsegwenzi li l-ħlas ta’ taxxa ta’ reġistrazzjoni fuq l-istess vettura huwa dak li jemerġi mit-Tieni Skeda u mhux mill-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta’ Malta.*

*4. Illi fis-27 ta' Novembru 2019 l-appellant bagħat kopja taċ-ċertifikat ta' konformita' kif rikjest, liema ċertifikat ġie ottjenut b'mod uffiċjali u wkoll saret laqgħa bejn il-kontendenti fejn l-Awtorita' wegħdet li tagħmel il-verifiki tagħha.*

*5. Illi wara diversi interpellenzi sabiex l-Awtorita' tieħu deċiżjoni finali, l-appellant ġie nfurmat permezz ta' ittra datata 16 ta' Marzu 2020 li skont l-Awtorita' appellata ċ-ċertifikat ta' konformita' mgħoddi kien wieħed falz u allura t-talba għar-reġistrazzjoni tal-vettura bħala N1 ma kinitx ser tiġi milqugħa.*

*6. Illi l-appellant huwa aggravat ferm bid-deċiżjoni tal-Awtorita' stante li mhuwiex minnu liċ-ċertifikat ippreżentat mhuwiex falz.*

*7. Illi in oltre, il-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta ma jippermettix, salv jekk javveraw ruħhom fattispecie limitati u li jemerġi mill-istess Att, tibdil f'klassifikazzjonijiet differenti minn dak tal-pajjiżi minn fejn tkun oriġinat il-vettura.*

*8. Illi d-deċiżjoni tal-Awtorita' hija żbaljata u mingħajr raġuni validi b'mod li għandha titqies ukoll bħala waħda irraġonevoli.*

*9. Illi din id-deċiżjoni hija aktar manifestament żbaljata tenut kont illi vetturi simili importati bl-istess mod u bl-istess dokumenti ġew reġistrati mingħajr problemi bħala N1 u ilhom jiġru fit-toroq għal dawn l-aħħar sentejn.*

*10. Illi għalhekk l-appellant ġie kostrett jmexxi bl-azzjoni odjerna.*

*Għaldaqstant l-appellant jitlob bir-rispett li dan it-Tribunal jogħġbu:*

*Għaldaqstant l-esponent jitlob umilment li dan it-Tribunal jogħġbu jħassar, jirrevoka u jikkanċella d-deċiżjoni tal-Awtorita' appellata kif kontenuta f'ittra tas-16 ta' Marzu 2020 fejn it-talba tal-appellant għar-reġistrazzjoni tal-vettura Range Rover bin-numru ta' reġistrazzjoni 07D2999 bħala vettura ta' klassifikazzjoni N1 ġiet miċħuda.*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` intimata** ppreżentata fit-12 ta' Ġunju 2020 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:

1. *Fl-ewwel lok qed jiġi eċċepit illi r-rikors promotur huwa irritwali, null u bla ebda effikaċja stante illi ġie ppreżentat tardivament u ben oltre t-terminu statutorju ta' għoxrin ġurnata mid-data meta ġiet riċevuta d-*

*deċiżjoni tal-Awtorita' bl-ittra tas-16 ta' Marzu, 2020 u dan a tenur tal-artikolu 40(1) tal-Kap. 499 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi kif ġej: "40. (1) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva jkollu l-kompetenza li jisma' u jiddeċiedi:*

*(a) appelli magħmulin minn xi persuna li tħoss ruħha aggravata b'deċiżjoni tal-Awtorità li tiċħad milli tagħti jew iġġedded, jew li tissospendi jew li tirrevoka awtorizzazzjoni, jew liċenza jew permess, jew li timponi kondizzjonijiet, limitazzjonijiet jew esklużjonijiet f'liċenza; u*

*(b) appelli magħmulin minn xi persuna li tħoss ruħha aggravata b'xi piena amministrattiva jew ta' xort'oħra imposta fuq dik il-persuna mill-Awtorità:*

*Iżda, sakemm mhux preskritt bil-liġi, appell li jiġi preżentat skont id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu jiġi preżentat* ***fi żmien għoxrin ġurnata minn meta tkun ġiet riċevuta d-deċiżjoni tal-Awtorità.****"*

*Għaldaqstant ir-rikors tal-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż stante li ġie ppreżentat tardivament.*

2. *Illi, di piu, sussidjarjament u mingħajr ebda preġudizzju għas-suespost, fir-realta' d-deċiżjoni mogħtija mill-Awtorita' li tikklassifika l-vettura de quo aġitur bħala vettura M1 u mhux bħala vettura N1 kif ipprova jispaċċaha l-appellant kienet ittieħdet ferm u ferm qabel tant li mbagħad kien anke ġie preżentat Protest Ġudizzjarju mill-appellant li għalih kienet wieġbet l-Awtorita' permezz ta' Kontro-Protest Ġudizzjarju.*

   *Di fatti, permezz ta' ittra datata 22 ta' Mejju, 2019, li kopja tagħha tinsab hawn annessa bħala Dok. 'A', l-Awtorita' kienet għarrfet lill-appellant (ossija lill-avukat patroċinanti tiegħu Dr. David Camilleri LL.D.) illi skond l-artikolu 2 tal-Kap. 368 tal-Liġijiet ta' Malta, "vettura N1" tfisser vettura użata għall-ġarr ta' merkanzija u li għandha piż massimu ta' mhux iżjed minn 3.5 tunnellati u biex l-Awtorita' taċċedi għat-talba tal-appellant biex il-vettura in kwistjoni tiġi reġistrata bħala vettura 'N1' kien jeħtieġ illi l-Awtorita' tkun*

*konvinta illi din il-vettura 'Range Rover' hija vettura użata għall-ġarr ta' merkanzija u għalhekk tablet il-produzzjoni ta' ċertifikat ta' konformita' (ċertificate of conformity) jew dikjarazzjoni mill-manifattur tal-vettura in kwistjoni li fiha tiddikjara jekk din il-vettura kinitx ġiet manifatturata bħala vettura N1 jew M1 u n-numru ta' sedili li kellha tali vettura meta ġiet immanifatturata.*

*Illi għal bosta xhur l-appellant naqas milli jippreżenta tali ċertifikat ta' konformita', kif kien ġie mitlub jagħmel, u minflok, kif fuq ingħad, ippreżenta protest ġudizzjarju u anke ilment lill-Ombudsman, iżda mbagħad, xhur wara, f'daqqa u l-ħin kien ippreżenta 'certifikat ta' konformita' li l-Awtorita' rispondenti, meta għamlet il-verifiki meħtieġa mal-Vehicle Certificates Agency tar-Renju Unit irriżulta illi dan ma kienx korrett u ma kienx jirreferi għall-istess vettura, oltre illi l-Awtorita' għamlet aċċertamenti oħra li minnhom irriżultalha li ebda vettura tal-għamla 'Range Rover' ma ġiet qatt manifatturata bħala vettura kummerċjali.*

*Illi għalhekk fir-realta' d-deċiżjoni li minnha semmai kellu jsir appell kienet id-deċiżjoni mogħtija mill-Awtorita' li tikklassifika l-vettura in kwistjoni bħala waħda M1 u mhux bħala waħda N1, u mhux id-deċiżjoni tas-16 ta' Marzu, 2020 dwar il-validita' o meno taċ-ċertifikat ta' konformita preżentat mill-appellant, stante illi kjarament tali deċiżjoni hija ancillari u inċidentali għad-deċiżjoni oriġinali u prinċipali mogħtija mill-Awtorita' li biha rrifjutat li tirreġistra l-vettura in kwistjoni bħala waħda kummerċjali, u fil-fatt huwa f'dak ir-rigward illi huma inkanalati t-talbiet tal-appellant.*

3. *Illi għalhekk il-pretensjonijiet tal-appellant li l-Awtorita' għanda tirreġistralu l-vettura de quo aġitur tal-għamla 'Range Rover' bħala waħda kummerċjali u cioe' N1 meta kollox jindika bl-iżjed mod ċar u manifest illi l-vettura in kwistjoni mhijiex waħda kummerċjali għall-ġarr tal-merkanzija iżda hija vettura ta' valur għall-ġarr tal-passiġġieri, u b'hekk ikun qiegħed jevadi eluf ta' Ewro f'taxxa (stante illi t-taxxa ta' reġistrazzjoni pagabbli fuq vetturi M1 hija ferm u ferm ogħla minn dik pagabbli fuq vetturi N1), huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.*

Ra illi l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorita` intimata ġiet deċiża permezz ta' sentenza datata 27 ta' Jannar 2021 fejn l-istess eċċezzjoni ġiet miċħuda u t-Tribunal ordna li jitkompla s-smigħ ta' din il-kawża;

Ra d-dokumenti mressqa mill-partijiet;

Sema' x-xhieda;

Ra n-Noti ta' Sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li r-rikors ġie mħolli għal-lum għal sentenza finali.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorita` intimata datata 16 ta' Marzu 2020 li permezz tagħha ġie mgħarraf illi t-talba tiegħu sabiex il-vettura tal-għamla Range Rover bin-numru ta' reġistrazzjoni 07D29991 tiġi reġistrata bħala Vettura N1, u *cioe`* waħda kummerċjali, kienet qiegħda tiġi miċħuda. In oltre, fl-istess ittra l-Awtorita` infurmatu li kienet se tirreferi l-każ lill-Pulizija Eżekuttiva sabiex tinvestiga l-każ stante li rriżultalha li ċ-ċertifikat ta' konformita` ppreżentat minnu kien wieħed falz. Fil-fatt, fl-istess data, l-Awtorita` intimata bagħtet kwerela lill-Kummissarju tal-Pulizija fejn esponiet il-fatti li rriżultawlha u talbitu jinvestiga l-każ u jieħu dawk il-proċeduri kriminali opportuni fiċ-ċirkostanzi.

Illi tajjeb li dan it-Tribunal jelenka l-*iter* li ħadet it-talba tar-rikorrenti, u *cioe`*:

1. Fl-2018 ir-rikorrent importa l-vettura *de quo* hawn Malta u sussegwentement għadda biex japplika sabiex jirreġistraha mal-Awtorita` intimata bħala vettura tat-tip N1;
2. Fil-25 ta' April 2019 il-konsulent legali tar-rikorrent kiteb lill-Awtorita` intimata fejn interpellaha sabiex tirreġistra l-istess vettura bħala waħda kummerċjali fi żmien ġimgħa;[1]
3. Fit-22 ta' Mejju 2019, il-konsulent legali tal-Awtorita` intimata, wieġeb għall-ittra tal-25 ta' April 2019 fejn għarraf lill-konsulent legali tar-rikorrent illi biex l-Awtorita` intimata taċċedi għat-talba tar-rikorrenti trid tkun konvinta li l-vettura *de quo* hija vettura użata għall-ġarr ta' merkanzija. Għaldaqstant l-Awtorita` intimata talbet sabiex ir-rikorrent

[1] Dokument B a fol. 24

jippreżenta ċ-ċertifikat ta' konformita` jew dikjarazzjoni tal-manifattur tal-vettura li fiha jiddikjara jekk l-istess kinitx ġiet manifatturata bħala vettura N1 jew M1 u n-numru ta' sedili li kellha meta ġiet immanifatturata;[2]

4. Fl-1 ta' Awwissu 2019 ir-rikorrent ippreżenta protest ġudizzjarju kontra l-Awtorita` intimata fejn interpellaha sabiex tagħtih risposta fl-affermattiv;[3]
5. Fit-13 ta' Awwissu 2019 l-Awtorita` intimata ippreżentat kontro-protest fejn għarrfet lir-rikorrent illi dment u sakemm ma jippreżentax id-dokumentazzjoni rikjesta hija ma kinitx se taċċedi għat-talba tiegħu biex jirreġistra l-vettura bħala N1;[4]
6. Fis-27 ta' Novembru 2019, il-konsulent legali tar-rikorrent kiteb lill-Awtorita` intimata fejn mal-istess ittra annetta kopja taċ-ċertifikat ta' konformita` rikjest fl-ittra tat-22 ta' Mejju 2019;[5]
7. Fl-20 ta' Frar 2020 ir-rikorrent ippreżenta ittra uffiċjali kontra l-Awtorita` intimata fejn interpellaha sabiex tagħtih risposta li l-vettura kienet qiegħda tiġi reġistrata bħala waħda kummerċjali;[6]
8. Fis-16 ta' Marzu 2020, l-Awtorita` intimata kitbet lill-konsulent legali tar-rikorrent fejn infurmatu li kienet qiegħda tiċħad it-talba tar-rikorrent biex il-vettura *de quo* tiġi reġistrata bħala N1 in vista li rriżultalha li ċ-ċertifikat ta' konformita' ppreżentat mir-rikorrent kien wieħed falz.[7] Fl-istess ġurnata l-Awtorita` intimata kitbet ukoll lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga l-każ;[8]
9. Fit-30 ta' Marzu 2020 il-konsulent legali tar-rikorrent kiteb għal darb'oħra lill-Awtorita` intimata fejn ċaħad li ċ-ċertifikat ta' konformita` kien wieħed falz, stante li l-istess ċertifikat inġab minn barra minn Malta b'mod uffiċjali. Għaldaqstant reġa' interpella lill-Awtorita` sabiex tirreġistra l-vettura bħala waħda kumerċjali;[9]
10. Fit-13 ta' April 2020 il-konsulent tal-Awtorita` intimata irrisponda din l-aħħar ittra fejn għarraf lir-rikorrent li l-Awtorita` kienet qiegħda tirriafferma l-pożizzjoni tagħha.[10]

Illi permezz ta' sentenza preliminari datata 27 ta' Jannar 2021 dan it-Tribunal ċaħad l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorita` intimata dwar it-tardivita` tal-appell. Illi

[2] Dokument C a fol. 26
[3] Dokument D a fol. 27
[4] Dokument E a fol. 29
[5] Dokument G a fol. 34
[6] Dokument K a fol. 62
[7] Dokument L a fol. 63
[8] Dokument I a fol. 36
[9] Dokument M a fol. 64
[10] Dokument H a fol. 35

jirriżulta li t-tieni eċċezzjoni hija wkoll imsejsa fuq argumenti li d-deċiżjoni finali kienet ittieħet ferm qabel is-16 ta' Marzu 2020. Illi għall-istess argumenti u raġunijiet li dan it-Tribunal ta fis-sentenza tas-27 ta' Jannar 2021, din it-tieni eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda.

Illi għalhekk jibqa' li jiġi trattat il-mertu ta' din il-kwistjoni, u ċioe` jekk l-Awtorita` intimata ħaditx deċiżjoni tajba jew le meta ma kklassifikatx il-vettura in kwistjoni bħala vettura N1, u cioe` waħda kummerċjali.

Illi ai termini tal-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur) ***"vettura N1" tfisser vettura użata għall-ġarr ta' merkanzija u li għandha piż massimu ta' mhux iżjed minn 3.5 tunnellati.*** Ai termini tal-artikolu 10 (11) tal-imsemmi Kapitolu "***Sabiex tistabbilixxi jekk vettura tkunx ġiet manifatturata bħala vettura N1 jew M1, l-Awtorità tista' titlob lill-persuna li tkun qiegħda tippreżenta l-vettura biex tiġi reġistrata kopja taċ-ċertifikat ta' konformità jew dikjarazzjoni mingħand il-manifattur biex tikkonferma jekk il-vettura tkunx ġiet manifatturata bħala vettura N1 jew M1, u n-numru ta' sedili li l-vettura tkun ġiet manifatturata bihom."***

Illi fil-fatt kien dan li għamlet l-Awtorita` intimata permezz ta' ittra datata 22 ta' Mejju 2019.[11] Jirriżulta illi r-rikorrent ipprovda ċ-ċertifikat ta' konformita` lill-Awtorita` intimata fis-27 ta' Novembru 2019, u cioe` xhur wara li dan intalab.[12] Jirriżulta li meta l-Awtorita` intimata eżaminat dan iċ-ċertifikat kienet tal-fehma illi l-istess ċertifikat kien wieħed falz u ai fini ta' dak allegat minnha, l-istess Awtorita` esebiet numru ta' dokumenti maħruġa mill-manifattur tal-vettura in kwistjoni li jmeri l-kontenut tal-istess ċertifikat.[13] Illi fil-mori ta' dawn il-proċeduri, meta r-rikorrent kien għalaq il-provi, it-Tribunal awtorizzah jippreżenti liċenzja taċ-ċirkolazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet Irlandiżi u kif ukoll *certificate of road worthiness* tal-vettura in kwistjoni li fuqu jidher li l-kategorija tal-vettura tniżżlet bħala N1.

Illi t-Tribunal jirrileva illi għal min ikun qiegħed jimporta vettura, l-klassifikazzjoni tagħha tikkostitwixxi parti importanti fuq kemm se jħallas taxxa ta' reġistrazzjoni għaliex il-vetturi kummerċjali, u cioe` dawk ikklassifikati bħala N1, iħallsu inqas taxxa minn dawk ikklassifikati bħala M1, u cioe` vetturi għall-użu ta' ġarr ta' passiġieri b'inqas minn tmien sedili. Eżempju tad-differenza fil-

[11] Dokument C a fol. 26
[12] Dokument G a fol. 34
[13] Dokument B a fol. 137 *et sequitur*

ħlas ta' taxxa ta' reġistrazzjoni hija murija f'tabella[14] inkluża fl-affidavit ta' Pierre Montebello, *Chief Officer* tad-Direttorat tat-Trasport fuq l-Art fi ħdan l-Awtorita` intimata. Din it-tabella ġiet maħduma abbażi tat-Tieni Skeda tal-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta li titratta l-metodu kif għandha tinħadem it-taxxa ta' reġistrazzjoni fuq vetturi ta' kategorija "M". Min-naħa l-oħra it-taxxa ta' reġistrazzjoni fuq il-vetturi "N1", u cioe` vetturi għall-ġarr ta' merkanzija, hu regolat mill-Ewwel Skeda tal-imsemmija leġislazzjoni. Minn eżami tal-imsemmija Skedi jirriżulta illi d-differenza fit-taxxa ta' reġistrazzjoni hija waħda konsiderevoli u tlaħħaq l-eluf. L-istess jista' jingħad għall-ħlas tal-liċenzja ta' ċirkolazzjoni. Fil-każ tal-vettura in eżami, jekk tiġi kklassifikata bħala M1 il-liċenzja dovuta tkun ta' €1,225 filwaqt li jekk tiġi kklassifikata bħala N1 il-liċenzja tkun ta' €295 fis-sena.

Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu r-rikorrent jisħaq illi l-Liġi Ewropea tobbliga lill-Istati Membri jirrikonoxxu ċertifikat ta' konformita` li jkun inħareġ minn Stat Membru ieħor. Illi dwar dan m'hemmx kwistjoni. Il-kwistjoni hija jekk iċ-ċertifikat ta' konformita` ppreżentat mir-rikorrenti lill-awtoritajiet lokali huwiex wieħed maħruġ minn awtorita` kompetenti fi Stat Membru ieħor.

Illi r-rikorrent, fl-affidavit tiegħu, spjega illi meta l-Awtorita` intimata talbitu jipproduċi ċertifikat ta' konformita` li minnu setgħet tirriżulta l-klassifikazzjoni tal-vettura, huwa kkuntattja lill-fabbrika tal-Land Rover ġewwa l-Ingilterra u talabhom l-istess ċertifikat. Jispjega li eventwalment il-Land Rover bagħtitlu dan iċ-ċertifikat u huwa pproduċieh lill-Awtorita` intimata. Huwa ppreżenta kopja tal-istess ċertifikat a fol. 59 tal-proċess. Spjega wkoll illi fl-istess okkażjoni li huwa niżżel il-vettura tiegħu mill-Irlanda, sieħbu kien niżżel vettura identika, liema vettura ġiet reġistrata bħala M1 mill-Awtorita` intimata.

Illi t-Tribunal jirrileva illi jsibha stramba illi r-rikorrent, għalkemm isostni li wara li ntalab iċ-ċertifikat ta' konformita huwa kkomunika mad-ditta Land Rover, ma esebixxa l-ebda tip ta' komunikazzjoni mal-istess ditta. Isibha wkoll stramba kif waqt li suppost qiegħed jikkomunika mad-ditta Land Rover, fl-1 ta' Awwissu 2019, huwa ppreżenta protest ġudizzjarju kontra l-istess Awtorita` fejn ma saret ebda referenza għall-fatt li kien qiegħed f'komunikazzjoni mad-ditta Land Rover.[15] Isibha stramba wkoll kif ma esebiex l-ebda tip ta' *covering letter* meta l-imsemmija ditta bagħtitlu ċ-ċertifikat ta' konformita`. Tali prova ta' komunikazzjoni hija għal kollox nieqsa mill-atti. Illi t-Tribunal josserva wkoll

[14] A fol. 18
[15] Dokument D a fol. 27

illi ċ-ċertifikat ta' konformita` prodott mir-rikorrent huwa ffirmat minn ċertu Matthew Taylor. Illi skont id-dokumentazzjoni li bgħatet il-*Vehicle Certification Agency (VCA)* lill-Awtorita` intimata jirriżulta illi l-imsemmi Taylor huwa l-persuna awtorizzata li tiffirma ċ-ċertifikati ta' konformita għan-nom tad-ditta Land Rover u dan kif jirriżulta minn fol. 170 tal-proċess. Pero`, fil-fehma tat-Tribunal, bejn il-firma ta' Taylor a fol. 170 u l-firma fuq iċ-ċertifikat ta' konformita` a fol. 170 ippreżentat mir-rikorrent hemm baħar jaqsam. It-Tribunal jikkonċedi li persuna tista' tbiddel xi ftit il-firma tagħha fil-perkors tas-snin, imma f'dan il-każ il-firem huma totalment differenti. It-Tribunal f'dan l-istadju mhux qiegħed jgħid li l-firma hi falza għaliex dan mhux il-kompitu tiegħu, iżda ċertament ma jistax ma jissenjalax id-differenza kbira li hemm bejn iż-żewġ firem.

Illi min-naħa l-oħra, l-Awtorita` intimata ġabet prova illi l-uffiċjal tagħha Pierre Montebello kien għamel verifiki mal-*Vehicle Certification Agency* tar-Renju Unit dwar iċ-ċertifikat ta' konformita` in kwistjoni fejn l-imsemmija Aġenzija iddikjarat is-segwenti, u cioe`:

*"I have today been asked to review the Land Rover Certificate of Conformity (CoC) that you forwarded onto VCA.*

*This quotes approval number e11*2001/116*0243*00.*

*Looking at the CoC and cross referencing it with the quoted approval, I regret that there are some differences. The approval was issued to a vehicle of a category M1G,while the CoC states it is of category N1.*

*There are some other differences between the two documents, due to the differences I regret that the CoC does not match the approval and should not be accepted to register the vehicle."*[16]

Iktar minn hekk, l-Awtorita` intimata talbet lill-VCA biex tibagħtilha d-dokumentazzjoni oriġinali li rċeviet l-istess VCA mingħand id-ditta Land Rover dwar id-diversi speċifikazzjonijiet tal-vettura in kwistjoni. Din id-dokumentazzjoni ġiet mgħoddija lill-Awtorita` intimata fejn minnha jirriżulta illi l-kategorija tal-vettura, skont il-manifattur tagħha, u cioe` d-ditta Land Rover, hija **M1G.**[17]

[16] Dokument A a fol. 134
[17] Ara fol. 144 tal-process

Illi t-Tribunal jirrileva illi r-rikorrent esebixxa diversi ritratti ta' vetturi identiċi għal tiegħu li kienu qed jiġu riklamati bħala vetturi kummerċjali.[18] Għalhekk jisħaq illi l-Awtorita` ma kinitx raġjonevoli li l-vettura tiegħu ma kklassifikathiex l-istess. Illi t-Tribunal ma jaqbilx ma' dan ir-raġunament. *Dato ma non concesso* li dan sar, għaliex il-prova li ġab ir-rikorrent ta' dawn il-vetturi hija biss riklam għall-bejgħ tagħhom da parti ta' terzi, jekk dawn il-vetturi huma identiċi għall-vettura in kwistjoni jista' jagħti l-każ li sar żball. Pero` jekk l-Awtortia` intimata kienet żbaljata ma jfissirx illi għandha tibqa' tippersisti fl-iżball. L-Awtorita` għandha tara kif tirrimedja għall-iżbalji li setgħet ħadet, jekk hu possibbli, pero` mhux li tibqa' tagħmel l-istess żball.

Illi t-Tribunal josserva illi wara li għalaq il-provi, u allura wara ammont ta' snin minn meta kien akkwista l-vettura in kwistjoni, ir-rikorrent informa lil dan it-Tribunal li kien sab *certificate of roadworthiness* maħruġ minn provditur tas-servizzi tal-VRT ġewwa l-Irlanda li fuqu kienet tidher li l-kategorija tal-vettura kienet N1. Ir-rikorrent spjega li dan iċ-ċertifikat kienu tawhulu meta xtara l-vettura imma qatt ma ta kasu. Illi t-Tribunal jikkonċedi illi anke jekk, *dato ma non concesso*, dan iċ-ċertifikat huwa wieħed awtentiku, ma jistax b'xi mod jegħleb il-prova mressqa mill-Awtorita` intimata dwar in-nuqqas ta' awtentiċita` taċ-ċertifikat ta' konformita`, liema prova ġejja proprju minn sors attendibbli.

Illi għaldaqstant, it-Tribunal ma jsib l-ebda raġuni għala għandu jiddipartixxi mid-deċiżjoni appellata. Filwaqt, li kif ġie ammess mill-istess Awtorita`, jista' jkun li saru xi żbalji ta' klassifikazzjoni fil-passat dwar vetturi identiċi, dawn iċ-ċirkostanzi, bil-kontra ta' dak pretiż mir-rikorrent, ma jimponu ebda obbligu fuq l-istess Awtorita` li tippersisti fl-iżball meta dan ikun ifisser biss li t-taxxa ta' reġistrazzjoni dovuta ma tinġabarx. L-Awtorita` intimata tkun qed tonqos bil-kbir li kieku, rinfaċċjata b'dawn iċ-ċirkostanzi, tagħlaq għajnejha u tikklassifika l-vettura in kwistjoni bħala waħda kummerċjali. Illi filwaqt li huwa d-dmir ta' kull awtorita` regolatorja f'kull pajjiż membru tal-Unjoni Ewropea li jirrikonoxxi ċertifikat ta' konformita` maħruġ minn pajjiż membru ieħor, ċertament l-istess awtorita` m'għandha ebda dmir li taċċetta ċertifikat li ma jkunx jirrifletti l-verita` u li addirittura l-awtorita` tal-pajjiż fejn suppost ħareġ tikkonferma li hemm diskrepanzi fil-kontenut tiegħu.

Illi għaldaqstant l-appell tar-rikorrent se jiġi miċħud.

---

[18] Ara Dokument Z1 sa Z7 a fol. 97 sa 103 tal-process

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq espressi, qiegħed jiċħad l-appell tar-rikorrent u jilqa' l-eċċezzjonijiet rimanenti tal-Awtorita` intimata.

Spejjeż ta' din id-deċiżjoni a karigu tar-rikorrent.

___________________________

**Maġistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

_________

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**